L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 17 ta' Jannar, 2003

**Novizzjat**

L-artikli li nitkeb f'din il-gazzetta saru ghalija parti intima minn hajti. Insejhilhom l-isbah djarju tieghi, u xhieda ta' l-esperjenza politika f'waqtiet daqshekk kritici fl-istorja ta' pajjizna. Kull nhar ta' Gimgha permezz ta' dan l-ispazju nkun nista' nesprimi ruhi dwar grajjiet politici kurrenti.

Izda l-esperjenza politika hija wahda vasta li, iktar ma jghaddi z-zmien, iktar tinvolvik u xxenqek ghal aktar partecipazzjoni. Huwa ghal dan il-ghan li l-interess li nibet fija meta kont izghar u studjajt il-ligi, l-ekonomija u d-diplomazija, u li baqa' joktor matul iz-zmien permezz ta' l-artikli, illum il-gurnata, se jissarraf fil-partecipazzjoni diretta tieghi fil-politika.

Ghalhekk huwa b'sodisfazzjon kbir kif ukoll b'rikonoxximent lejn il-partit li se jilqaghni fit-tim tieghu li nhabbar li ghall-ewwel darba se nikkontesta l-elezzjonijiet generali. Nirringrazzja lill-Partit Laburista li wera l-fehma li jiena denja ghall-partecipazzjoni fi hdanu meta ra wkoll il-hidma tieghi matul dawn is-snin.

Ghalkemm il-politika kienet dejjem parti minn hajti, u dejjem issuspettajt li, xi darba, se nippartecipa iktar direttament fiha, dejjem emmint, li kull persuna ghandha tuza l-kwalitajiet taghha biex taghmel gid lis-socjetà ta' madwarha.

Il-kaz ta' kwalunkwe persuna li l-hajja twassalha f'involviment dirett fil-politika mhix xi vokazzjoni facli.

Izda nemmen ukoll li jekk inti jkollok il-kwalitajiet mehtiega, iktar u iktar, jekk haddiehor jitlob minnek li dawn tuzahom ghal gid tas-socjetà (partikularment permezz tal-politika) l-ebda biza', dubji jew misthija m'ghandhom iwaqqfuk milli taghmel dan!

Il-hajja tal-politika hija missjoni – missjoni biex twassal lill-poplu ghal decizjoni politika tajba. Ghalhekk il-politika ggieghlek tiltaqa' man-nies; wiehed wiehed, wahda wahda, u tkellimhom, u ddahhlek gewwa darhom; biex tkun tista' tifhem id-diffikultajiet taghhom ahjar.

Hija decizjoni li twasslek biex taghti lilek innifsek lis-socjetà ta' madwarek; fi kliem iehor huwa, li tkun ta' servizz lis-socjetà ta' madwarek bl-aktar mod dirett!

Huwa ghalhekk li jiena nemmen bis-shih li l-politiku ghandu jghix dejjem qrib aktar is-socjetà, u jimxi litteralment dar dar biex iwassal il-messagg tal-partit tieghu.

Kuntenta wkoll li l-ewwel partecipazzjoni diretta tieghi fil-politika se tahbat fi zmien daqshekk importanti ghal pajjizna. Dan ghax permezz tar-referendum u l-elezzjonijiet generali li gejjin, il-poplu mhu qed jaghmel xejn hlief jilghab karta li trebbhu jew ittellfu lil pajjizu stess.

Malta ghal darb'ohra fl-istorja regghet spiccat bhala rahan tad-dejn tal-mexxejja. Izda ghal kull min huwa missier tajjeb tal-familja, dak li fil-ligi ahna nsejhulu *bonus pater familias*, bil-Latin jigifieri, dak li jiehu decizjonijiet daqslikieku missier ghaqli tal-familja, jaf li biex ihallas id-dejn li ghamel hu stess, partikularment permezz ta' amministrazzjoni hazina tal-fondi, ma jistax ihallsu billi jbigh l-istess dar li joqghod fiha u jitfa' lil uliedu 'l barra. Min din id-dar digà bighna hafna – issa ghad baqa' biss id-dar!

F'dawn iz-zminijiet fejn il-kandidati tal-partiti jibdew ihabbtu l-bibien u jiffrekwentaw lin-nies tal-lokalitajiet differenti fuq id-distretti taghhom, johrog proprju s-sabih tal-politika – ghal, almenu,

darba kull hames snin, il-politiku Malti jirriverti lejn ic-cittadin – jisimghu u jkun lest li jaqdih – jekk ma kienx jafu s'issa, jsir jafu b'wiccu u b'ismu, u lill-votant ma jibqax jarah biss bhala vot jew numru.

Il-politika Maltija ghadha tabilhaqq mibnija fuq ir-relazzjonijiet umani, u mhux fuq xi loghba jew staregija qisha xi loghba tal-kompjuter. Id-dinja tal-lum hija traxxinata mil-loghob tal-kompjuters. Sahansitra l-gwerer saru jsiru bil-buttuni. Izda kemm l-esperiment wara li dak li qieghed imexxi u ghandu f'idejh il-poter, kapaci jaghmel hafna hsara lil min ma jafux, sahansitra jittorturah!

Din ingarrbuha lkoll fil-hajja ta' kuljum. Nikkundannaw hafna nies li ma nafux, izda hafna drabi meta niltaqghu maghhom u nsiru nafuhom, insibu li huma nies bhalna.

Il-kuntatt personali huwa fundamentali ghall-politika b'sahhitha. Il-voti huma nies tad-demm u l-laham, u dan huwa l-ewwel dmir tal-politiku lejn ic-cittadin.

Din l-elezzjoni hija wkoll importanti halli nifirhu b'xulxin bhala Maltin. Nies maghquda ghalkemm bl-opinjonijiet differenti taghna; nies li ghandna t-tmexxija taghna f'idejna.

Li, lill-politiku, nistghu nhabbtulu l-bieb tad-dar u nkellmuh. Izda forsi qajla nahsbu li bi shubija shiha fl-Unjoni dan jista' jintilef kollu. Jew li jekk naghtu siggu lill-politiku ta' l-ghazla taghna fil-Parlament, dan ukoll ikollu min imexxih, u ma jkunx jista' jiddeciedi wahdu.

Hija din wahda mill-iktar affarijiet importanti u imprezzabbli li nistghu nitilfu bi shubija shiha fl-Unjoni Europea, u li ftit li xejn nieqfu nahsbu dwarha. Dan apparti li l-politiku Malta huwa politiku bhalna u jabseb bhalna, u jifhimna b'mod li l-ebda politiku barrani ma jista' jifhimna.

Din l-elezzjoni se tfakkarna ghal darb'ohra kemm il-politici jistghu jkunu qrib il-poplu, li taghtina l-opportunità ngarrbu il-kuntatt personali mal-kandidatura tal-partiti. Dan jaghtina l-opportunità wkoll nahsbu jekk ghandniex nitilfuha darba ghal dejjem bi shubija shiha fl-Unjoni Ewropea – fejn kwalunkwe decizjoni tittiehed 'il boghod 'il boghod minn nies li ghalihom la jezisti "Bertu tal-Laham" u lanqas "Dora tal-Kantuniera", ahseb u ara "Marija tal-Kahli" jew "Tona tal-Lippija"!

Bl-intelligenza kollha fl-Unjoni Europea hargu wkoll bl-idea li, iktar ma d-decizjonijiet politici jittiehdu qrib tac-cittadin, iktar ahjar, u fil-fatt din tawha isem twil u laqqmuha l-"principju tas-sussidjarjetà". Forsi kelma tqila apparti li twila u ma tinftiehemx – però, m'hemmx x'tifhem! Malta nghallmuha hafna iktar milli nahsbu lill-Unjoni dwar x'jigifieri d-decizjonijiet li jittiehdu fil-Parlament jittiehdu qrib il-poplu!

Fin-novizzjat tieghi fid-dinja tal-politika qieghda nitghallem li l-politika hija ferm isbah milli wiehed jista' jahsibha. Il-politiku veru huwa dak li tabilhaqq jaqdi lic-cittadin u jaghmel is-sagrificcji kollha mehtiega biex isiru jafu u jaf dwar il-hajja ta' kuljum tieghu.

Dawk kollha li m'humiex kapaci jersqu bizzejjed lejn ic-cittadin u jifhmuh, m'humiex tajbin halli jmexxuh! Mela nhallu l-poplu jgarrab il-kuntatt personali mal-politiku tieghu ghax, ghalkemm ic-cittadin jistenna hafna mill-politiku, dan jaghmlu biss bi dritt! Allahares qatt, jista' jasal zmien li nghajtu kemm nghajtu ahna c-cittadini, il-mexxejja taghna jkunu bizzejjed 'il boghod li ma jisimghunix! Hemmhekk biss inkunu nistghu nifhmu x'inkunu gibna b'idejna!

Insellem lil certu Sur Refalo li wera b'abbiltà kbira li jaf li l-oppost tal-kelma "legali" huwa "illegali" ghax kieku hargitlu fl-ezami tal-*Junior Lyceum* kien jghaddi – però, haga wahda nixtieq infakkru: ghalkemm uza daqshekk b'mod kapaci l-ilsien Malti – ilsien ufficjali propost, skond hu, f'U.E. tal-gejjieni, izda mnehhi mil-listi ta' suggetti li wiehed jehtieg biex jistudja l-ligi, li sal-lum ghadni ma sibtx il-mohba tat-turisti tieghu!

*Ghal kummenti u suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*